# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 28 ta' April 2017**

**Numru 24**
**Appell Ċivili Numru 608/2010/1 RCP**

**AIC Valerio Schembri personalment u għan-nom in rappresentanza ta' *Valerio Schembri Project Workshop Ltd* (C23780)**

***versus***

**Direttur Ġenerali tas-Saħħa fil-kapaċità tiegħu ta' Tabib Ewlieni tal-Gvern**

1. Dan huwa appell tad-Direttur Ġenerali tas-Saħħa minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Ottubru 2012 li ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi tmien mija u erbat elef, mija u dsatax-il euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€ 804,119.88) drittijiet professjonali maħduma kif trid it-Tariffa K mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u ħamest elef, tliet mija u ħamsa u sittin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€ 5,365.45) spejjeż li għamlu l-atturi fil-qadi tal-inkarigu lilhom mogħti, b'kollox tmien mija u disat elef, erba' mija u ħamsa u tmenin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€ 809,485.33), barra l-ispejjeż ġudizzjarji u l-imgħax legali.

2. Il-fatti relevanti huma dawn:

3. Fit-22 ta' Lulju 2003 il-Direttur Ġenerali tas-Saħħa ħareġ sejħa fil-Gazzetta tal-Gvern għal offerti għas-servizzi professjonali ta' perit għal diversi proġetti fi ħdan l-istess dipartiment, li ġew imfissra hekk:

> »The duties of the Architect and Civil Engineer will include, but is [*recte,* are] not limited to:
>
> »1. Implementing the Division's programme of works.
>
> »2. Preparing detailed briefs including architectural and engineering drawings, specifications and bills of quantities for the issue of tenders.
>
> »3. Adjudication of tenders / quotations received.
>
> »4. Carrying out regular site visits to assist with any problems concerning design standards of the finished product.
>
> »5. Carrying out site supervision and measurement of works as required.
>
> »6. Certifying records of quality and quantity of works carried out and materials supplied on projects.
>
> »7. Submitting applications to the Malta Environment and Planning Authority for building and other permits.
>
> »8. Liaise with other officials of the Health Division to ensure co-ordination in the implementation of these projects.«[1]

4. Fit-28 ta' Lulju 2003 is-soċjetà attriċi offriet li twettaq dawn is-servizzi lid-Dipartiment tas-Saħħa għal ħlas ta' erbgħa fil-mija (4%) ta' kemm ikunu jiswew ix-xogħolijiet wara li dawn jiġu ċertifikati. Il-parti rilevanti tal-offerta tas-soċjetà attriċi kienet taqra hekk:

> »1. With reference to Notice No. 74/2003 published in the Government Gazette by the Director General (Health) Malta on the 22 July 2003 and in terms of the conditions therein mentioned and those thereto attached, I/We *Valerio Schembri Project Workshop Limited* offer and bind myself/ourselves to carry out the work set out in the Notice aforesaid in confirmity with the Specifications and Conditions relating thereto:
>
> »(i) For the sum of 4%. … … …
>
> »Rates quoted are to be on a percentage basis of certified works«[2]

---

[1] *Fol*. 120 tal-atti tal-ewwel qorti.

5. B'ittra tat-23 ta' Ottubru 2003 id-Direttur tas-Saħħa għarraf lis-soċjetà attriċi li l-offerta tagħha ntlaqgħet u li l-kuntratt ta' bejniethom kien għal sentejn minn dakinhar li l-ittra tasal għand l-attriċi. Il-parti rilevanti tal-istess ittra kienet taqra hekk:

   »I wish to inform you that the Government has accepted your tender, dated 28 July 2003 made under Health Division Notice No. 74/03 and the Conditions of Contract, copies attached, for:

   »Services of an Architect and Civil Engineer at the rate of 4% of certified works. This contract is for a period of two years commencing on receipt of this letter.«[3]

6. Wara li fit-3 ta' Novembru 2005 għaddew is-sentejn tal-ftehim id-Direttur tas-Saħħa għarraf lill-attriċi li kuntratt ġie mġedded għal tliet xhur oħra sal-aħħar ta' Jannar 2006:

   »Please refer to letter of acceptance nº LA51/03 dated 23 October 2003 for the services of an Architect and Civil Engineer.

   »I wish to inform you that the validity of this contract has been extended by three (3) months until the end of January 2006. All other conditions of the contract are to remain unaltered.«[4]

7. Għall-habta ta' nofs April tas-sena 2006 id-Direttur tal-Finanzi tad-Diviżjoni tas-Saħħa inkariga lis-soċjetà attriċi biex taħdem fuq pjanti li għandhom x'jaqsmu mar-rilokazzjoni tad-Dipartiment tal-Onkoloġija mill-Isptar Boffa għall-Isptar *Zammit Clapp*. Is-soċjetà attriċi ġiet mitluba tagħmel *scheme design* tal-proġett kollu inkluż ir-*refurbishment* ta' *Zammit Clapp* sabiex jiġu akkommodati xi dipartimenti fis-sit magħżul, li ssir l-applikazzjoni għall-permessi u wkoll titħejja stima dettaljata sabiex jiġi stabilit kemm kien ser jiswa l-proġett kollu.

---

2 *Ibid. foll.* 117 *et seqq*.

3 *Ibid. fol*. 123.

4 *Ibid. fol.* 124.

8. Għall-ħabta tal-aħħar ta' Ġunju 2006 is-soċjetà attriċi u d-Dipartiment tas-Saħħa ftiehmu dwar kif kellu jkun l-iskema finali tal-proġett u dan wara ħafna bdil ta' pjanti u reviżjonijiet. Sussegwentement, għall-ħabta ta' Awissu 2006, is-soċjetà attriċi ppreżentat il-proġett għall-konsiderazzjoni tal-*Health Policy Board* u dan wara li s-soċjetà attriċi kienet involviet diversi nies sabiex jitħejjew il-pjanti. Il-*Health Policy Board* approva l-biċċa l-kbira tal-proposti tas-soċjetà attriċi iżda l-ministru ried illi l-pjanti jiġu emendati biex jiżdiedu xi spazji għal espansjoni fil-futur[5]. L-attriċi ntalbet ukoll tagħmel stima u valutazzjoni dettaljata ta' kemm kien sejjer jiswa x-xogħol sabiex din l-istima tinġieb quddiem tal-Kabinett tal-Ministri għall-approvazzjoni finali wara li jkunu nħarġu l-permessi għall-iżvilupp mill-awtorità kompetenti.

9. Fl-20 ta' Settembru 2006 is-soċjetà attriċi ippreżentat l-istimi u l-pjanti finali lill-Ministeru tas-Saħħa. Imbagħad, lejn l-aħħar ta' Ottubru 2006 jew għall-bidu ta' Novembru 2006, is-soċjetà attriċi pprovdiet *compact disk* b'*powerpoint presentation* biex tfisser il-proposti kollha li għand-hom x'jaqsmu ma' dan il-proġett. Flimkien ma' dan is-*compact disk*, is-soċjetà attriċi wkoll ipprovdiet dokumenti oħrajn lid-dipartiment, fosthom kopja tal-pjanti tal-proposti kollha bil-*finishes*, kopja tad-*drawings* strutturali, l-istima dettaljata ta' kemm kienet sejra tiswa l-binja l-ġdida tad-Dipartiment tal-Onkoloġija kif ukoll l-stima dettaljata tax-xogħolijiet li kellhom isiru fl-Isptar *Zammit Clapp*.

---

[5] *Ibid. fol.* 21.

10. B'ittra tas-27 ta' Settembru 2006 id-Direttur tas-Saħħa għarraf lis-soċjeta attriċi li l-kuntratt għas-servizzi ta' perit fid-Diviżjoni tas-Saħħa ngħata lil ħaddieħor b'seħħ mill-1 ta' Ottubru 2006 u għalhekk il-*letter of acceptance nº 51/03* tat-23 ta' Ottubru 2003 skada u m'għadux jorbot lid-Dipartiment tas-Saħħa. Għarrafha wkoll illi ma kellhiex tagħmel xogħol ieħor għall-istess dipartiment, ħlief għal xogħol li nbeda u għadu ma tlestiex. L-ittra kienet taqra hekk:

> »I wish to inform you that the tender for the services of an Architect and Civil Engineer at the Health Division has been awarded for a period of two years with effect from 1 October 2006.
>
> »Consequently, whilst thanking you for the sterling services you have given to the Health Division during the past three years, please consider Letter of Acceptance nº 51/03 dated 23 October 2003 as expired and no longer binding on the Health Division. Any new request by any Department or section falling under the responsibility of the Health Division for your services is not to be entertained. However projects which have not yet been finalized are still to be under your responsibility until final completion or handing over to the Health Division.«[6]

11. Fi Frar 2007 is-soċjetà attriċi ressqet applikazzjoni quddiem l-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar – App. Nru PA 1332/07 – flimkien ma' sett pjanti.

12. Għall-ħabta ta' Awissu jew Settembru 2007 id-Diviżjoni tas-Saħħa ħarġet sejħa għal offerti għal *design and construction of bunkers and provision of linear accelerators for a new radiotherapy department* u s-soċjetà attriċi ntalbet twieġeb *in situ* għall-mistoqsijiet tal-kuntratturi prospettivi. F'dan iż-żmien is-soċjetà attriċi kienet qiegħda tikkorrispondi mal-Awtorità Maltija għall-Ambjent u l-Ippjanar sabiex jiġi finalizzat il-proċess tal-ħruġ tal-permessi relattivi.

---

6 *Ibid. fol.* 125.

13. Wara l-elezzjoni tal-2008 kien hemm deċiżjoni illi l-isptar tal-onkoloġija ma jibqax jiġi żviluppat fis-sit ta' *Zammit Clapp* iżda jmur *Mater Dei*. Il-proġett li fuqu kienet qiegħda taħdem is-soċjetà attriċi ġie abbandunat u fil-21 ta' Ottubru 2009 id-Direttur Ġenerali rtira l-applikazzjoni PA 1332/07.

14. L-atturi issa qegħdin jippretendu ħlas ta' tmien mija u erbat elef, mija u dsatax-il euro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€804,119.88) drittijiet professjonali maħduma kif trid it-Tariffa K mehmuża mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u ħamest elef, tliet mija u ħamsa u sittin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€5,365.45) spejjeż li għamlu l-atturi fil-qadi tal-inkarigu lilhom mogħti, b'kollox tmien mija u disat elef, erba' mija u ħamsa u tmenin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€809,485.33), u għalhekk fetħu din il-kawża tallum.

15. Il-konvenut Direttur Ġenerali wieġeb għat-talba billi ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

> »1. Preliminarjament, illi r-rikors ġuramentat in kwantu magħmul minn żewġ atturi bħala azzjoni kumulattiva huwa null billi ma jispjegax l-interess partikolari ta' kull attur fil-kawża.
>
> »2. Illi mingħajr preġudizzju, l-istess rikorrenti Valerio Schembri ma jistax jipproponi rikors kemm f'ismu fil-kwalità professjonali tiegħu bħala perit kif ukoll f'isem soċjetà kummerċjali *stante* li t-tip ta' servizzi li allegatament ippresta r-rikorrenti Valerio Schembri f'ismu personali huma servizzi professjonali li ma jistgħux jiġu pprestati mis-soċjetà kummerċjali, kif qed jippretendi l-istess rikorrenti;
>
> »Illi ukoll mingħajr preġudizzju, t-Tariffa K tal-Kodiċi ta' Organizz-azzjoni u Proċedura Ċivili li fuqha l-atturi qed jibbażaw l-kalkul-azzjonijiet tagħhom hija tariffa li tirregola l-ħlas tas-servizzi profess-jonali tal-periti u mhux il-pagamenti li jsiru lil soċjetajiet kummerċjali u għalhekk l-azzjoni in kwantu intavolata minn soċjetà kummerċjali biex titħallas skond it-Tariffa K hija karenti minn kull fundament ġuridiku u għandha tiġi respinta.
>
> »3. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju, kull tip ta' kuntratt għax-xogħolijiet jew servizzi bħal dak allegat fir-rikors in

risposta huwa suġġett għall-*Public Service Procurement Regulations* u għall-*Public Contracts Regulations*;

»Illi għalhekk ġaladarba l-atturi qed jallegaw li huma ġew inkarigati mid-Dipartiment tas-Saħħa, u *cioè* mill-gvern, biex jipprestawlu ċerti servizzi li tagħhom qed jallegaw li ma tħallsux, huma għandhom għall-inqas jindikaw l-bażi tar-relazzjoni kontrattwali li qegħdin jallegaw (bħal, per eżempju, *letter of acceptance* ta' *tender* jew kuntratt) u juru li huma ġew maħtura skond l-imsemmija regolamenti. Altrimenti ma tista' teżisti ebda relazzjoni kontrattwali skond il-liġi bejn l-atturi u l-gvern u l-esponent ma jistax ikun il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni.

»4. Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess u fil-mertu, l-ammont mitlub mill-atturi mhux dovut mill-esponent.«

16. L-ewwel qorti ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u laqgħet it-talbiet tal-atturi għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Illi din hija talba sabiex l-attur fil-kwalità tiegħu premessa jitħallas l-ammonti rispettivi ta' €804,119.88 bħala drittijiet professjonali a bażi tat-Tariffa K tal-Kap 12 u l-€5,365.45 spejjeż inkorsi mir-rikorrenti fl-inkarigu lilu mogħti sabiex isiru pjanti fir-rigward ta' rilokazzjoni tad-Dipartiment tal-Onkoloġija mill-Isptar Boffa għall-Isptar *Zammit Clapp*.

»Illi jirriżulta li dan ix-xogħol kien jinkludi li l-perit jagħmel *scheme design* tal-proġett kollu inkluż ir-*refurbishment* ta' *Zammit Clapp* sabiex jiġu akkomodati ċertu dipartimenti fis-sit magħżul, inkluż li ssir l-applikazzjoni għall-permessi u wkoll li tiġi mħejjiha stima dettaljata sabiex jiġi stabilit kemm kien ser jiswa l-proġett kollhu.

»Illi jidher li ġie avviċinat l-ewwel darba sabiex jagħmel dan ix-xogħol minn Edward D'Agostino li kien id-Direttur tal-Finanzi tad-Diviżjoni tas-Saħħa f'dak iż-żmien; sussegwentement saret laqgħa ma' Dr John Cachia li kien direttament responsabbli mill-proġett u wkoll ma' Dr Stephanie Xuereb li kienet qed tmexxi l-proġett taħt is-superviżżjoni tal-imsemmi Dr John Cachia u ma' Ms Rosanne Portelli li kienet *project manager* tal-istess proġett.

»Illi saru laqgħat mill-attur ma' Martin Pirotta li kien jieħu ħsieb il-parti teknika tal-proġett għan-nom tad-Dipartiment tal-Onkoloġija, u wkoll laqgħat ma' diversi konsulenti fosthom Dr Stephen Brincat, Dr Lawrence Scerri, Dr Carabott, Ray Attard Previ fost oħrajn u Diretturi tad-Diviżjoni tas-Saħħa u l-kapijiet tad-Dipartiment tal-Isptar Boffa u fil-maġġor parti ta' dawn il-laqgħet l-attur kien akkompanjat mill-Perit Charmaine Cutajar mill-uffiċċju tiegħu.

»Illi mill-istess minuti jirriżulta li dawk kollha preżenti kienu jafu bix-xogħol li kien qed jagħmel l-attur permezz tal-uffiċju professjonali tiegħu inkluż il-minuta datata 14 ta' Ġunju 2006.

»Illi fl-aħħar jirriżulta li l-attur ħejja l-iskema finali ta' kif kellu jkun l-istess proġett u dan kien għall-ħabta tal-aħħar ta' Ġunju 2006; wara sar xogħol sabiex jiġi finalizat id-disinn fuq pjanti sabiex l-istess jiġi preżentat lill-*Health Policy Board* u sabiex għamel dan l-istess attur għamel użu mill-adetti fl-uffiċju tiegħu kemm *full time* u kemm *part time*

għaliex kien ġie indikat li kien hemm urġenza sabiex dan il-proġett jiġi kompletat.

»Illi finalment fid-9 ta' Awissu 2006 sar il-*Health Policy Board Meeting* fejn ġie preżentat il-proġett għall-konsiderazzjoni tad-diviżjoni u f'din l-okkażjoni kien hemm preżenti l-*ex*-Ministru tas-Saħħa l-Onorevoli Louis Deguara, l-*ex*-Segretarju Parlamentari ġà Onorevoli Helen D'Amato, is-Segretarju Permanenti Frank Mifsud, Dr Raymond Busuttil, Salvu Gambin segretarju tal-ministru, Salvu Sciberras konsulent tal-ministru, is-segretarja tal-*Health Policy Board* li żammet il-minuti, Dr John Cachia, Dr Stephanie Xuereb u s'intendi l-attur u l-Perit Charmaine Cutajar mill-uffiċju tiegħu.

»Illi f'din il-laqgħa jingħad li l-onorevoli ministru ried li jiżdiedu l-ispazji għall-espansjoni fil-futur u wkoll li l-attur kellhu jagħmel stima u valutazzjoni kemm jista' jkun preċiża għall-istess proġett inkluż tal-*finishes* għaliex ingħad mill-ministru li ma riedx li jerġa jiġri dak li kien ġara fl-estimi tal-*Mater Dei*. Dan kollu meta jitlesta kellu jiġi preżentat lill-Kabinett tal-Ministri u lill-Prim Ministru u dan jirriżulta wkoll minn Dok. "VS 03" li huwa rapport ta' Dr Stephanie Xuereb għall-*Health Policy Board*, fejn hemm indikat li kellhu jkun hemm:

»*"Future Milestones*

»"*Approval of Health Policy Board and preparation of detailed costings;*

»"*Presentation to Cabinet – Approval of project and its funding;*

»"*Submit for MEPA approval;*

»"*Preparation of tenders".*

»Illi sussegwenti għal dan l-attur *tramite* l-uffiċju tiegħu kien ħejja *bill of quantities* preċiża u struttura alternattiva li ġiet ukoll valutata u stmata kif mitlub. Saret laqgħa fil-Ministeru tas-Saħħa fl-20 ta' Settembru 2006 fejn ġew preżentati l-estimi dettaljati u wkoll l-pjanti finali, u sussegwentement bejn Ottubru u Novembru 2006 ingħata *CD* li kien fiha *power point presentation* tal-proposti kollha u dan flimkien mal-pjanti kollha relattivi, kopja tad-*drawings* strutturali flimkien mal-kalkoli strutturali neċessarji, l-istima dettaljata tal-binja l-ġdida tad-Dipartiment tal-Onkoloġija inkluż tal-istruttura alternattiva, u stima dettaljata tax-xogħlijiet kollha li kellhom isiru fl-Isptar *Zammit Clapp*. Konsegwenti għal dan saru analiżi mid-Diviżjoni tas-Saħħa tal-Proġett u fi Frar 2007 ġiet intavolata l-applikazzjoni relattiva l-*MEPA* li kienet iffirmata minn Dr John Cachia f'isem id-Diviżjoni tas-Saħħa flimkien ma' sett pjanti u fil-fatt l-attur irċieva ċekk fl-ammont ta' Lm 7,190.

»Illi sussegwentement għal dan ħarġet *Tender* "*Design and Construction of bunkers and provision of linear accelerators for a new radiotherapy department"* u saru laqgħat miegħu u mad-dipartiment inkluż korrispondenza ma' Dr John Cachia sabiex bħala l-perit inkarigat jirrispondi għall-mistoqsijiet tal-kuntratturi jew offerenti prospettivi.

»Illi huwa baqa' jsegwi l-applikazzjoni l-*MEPA* tant li esebixxa wkoll emendi u dokumenti li l-*MEPA* tablet minn żmien għall żmien inkluż dak li jirriżulta minn Dok. "VS 09" u pjanti in sostenn u in konnessjoni ma' dan.

»Illi jirriżulta li minħabba dan il-proġett minħabba pjanijiet li kellha l-Awtorità tat-Trasport għal Triq Reġjonali liema pjanijiet kienu jinvolvu

parti mill-ġonna ta' *Zammit Clapp* kellha ssir *PC application* attwalment intavolata fit-8 ta' April 2008 u ffirmata minn Dr John Cachia u din ġiet reġistrata PC 0047/08 u pjanti redatti mill-attur, u minn Dok. "VS 11" jirriżulta li Joseph Church bħala Direttur Ġenerali *Resources and Support* kien informa lill-attur li d-dokumenti sabiex isir il-ħlas tal-*PC application* kienu ġew mgħoddija lill-*Accounts Section* u dan kien ikkomunika wkoll mal-attur.

»Illi l-importanza ta' dan il-proġett ġiet enfassizata minn *e-mail* datata 23 ta' Mejju 2008 minn Dr John Cachia lill-attur li kienet tgħid testwalment li:-

> »*"… … … I re-iterate what I said this morning that it is of paramount importance that the MEPA process is brought to a successful conclusion as soon as possible … … …"*

»Illi wara l-Elezzjoni Ġenerali tal-2008 daħlet il-*Foundation for Medical Services* bħala *project manager* tal-proġett u saru laqgħat mal-Perit Martin Attard Montalto li kien *CEO* tal-istess Fondazzjoni, u l-Perit Robert Borg Hayman, is-Sur Joe Camilleri u s-Sinjura Jacqueline Camilleri għad-diviżjoni tas-Saħħa u dan kif konfermat minn Dok. "VS 14" u Dok. "VS 15" u allura ma hemmx dubju li anke din il-fondazzjoni kienet taf bix-xogħol li kien qed isir mill-attur tant li kien l-imsemmi Perit Martin Attard Montalto stess li ikkomunika mal-attur fuq l-istess proġett kif jispjega sewwa l-attur fil-paragrafu ta' qabel tal-aħħar f'paġna 7 tal-*affidavit* tiegħu datat 17 ta' Awissu 2010 (fol. 7).

»Illi ġara iżda li l-*MEPA* kienet fil-bidu ta' l-2009 għamlet diversi domandi u l-attur talab direzzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa fosthom lill Dr John Cachia, Joseph Church, Jacqueline Camilleri, lis-Segretarju Permanenti u anke lill Claire Desira li hija indikata bħala assistenta tal-Onorevoli John Dalli Ministru tas-Saħħa ta' dak iż-żmien, iżda ma kien hemm ebda risposta għalkemm l-ilment tal-attur għadda mingħand is-Sur Frank Mifsud Segretarju Permanenti tad-Diviżjoni lis-Segretarju Permanenti Dr Kenneth Grech kif jidher minn Dok. "VS 16", iżda kien kollu għalxejn. Fil-fatt l-attur bagħat ittra lill-*MEPA* fejn talab għal aktar żmien sabiex jirrispondi għal kweżiti li hija qajmet, u anke saru komuniki mill-attur lill-Onorevoli Prim Ministru permezz ta' żewġt *e-mails*. Iżda jirriżulta li fil-21 ta' Ottubru 2009 Dr John Cachia bħala Direttur Ġenerali rtira l-applikazzjoni PA 1332/07.

»Illi kien għalhekk li allura l-istess attur talab li jitħallas tal-prestazzjoni professjonali tiegħu kif jidher minn Dok. "VS 20" li jinkludu dritt għall-preparazzjoni ta' *Bill of Quantities*, dritt għall-applikazzjoni tal-MEPA meta jiġi tterminat l-inkarigu mill-klijent, dritt għal kalkolazzjonijiet strutturali, u spejjeż, kollox kif jidher fl-istess kont u wkoll f'paġna 8 u 9 tal-*affidavit* tal-attur.

»Illi fil-verità l-inkarigu tal-attur jirriżulta mill-*affidavit* tiegħu u mid-dokumenti kollha esebiti u huwa kkonfermat mill-affidavit tal-Onorevoli Ministru Louis Deguara datat 29 ta' Novembru 2011, u minn Dr John Cachia li dak iż-żmien kien Direttur Ġenerali responsabbli mis-Servizz tas-Saħħa fix-xiehda tiegħu datata 6 ta' Diċembru 2011 fejn qal li jaf li kien inkarigat fuq dan ix-xogħol l-attur tant li huwa kellu struzzjoni bil-miktub mill-*Health Policy Board* sabiex dan l-inkarigu jiġi mogħti lill attur. Ma hemm l-ebda dubju li x-xogħol fil-fatt sar u wasal għand l-istess xhud u l-pjanti preparati mill-attur ġew sottomessi lill-*MEPA* minnu stess u dan sakemm … wara s-sena 1998 il-proġett ġie

abbandunat u dan għaliex kien hemm deċiżjoni politika li l-isptar tal-onkoloġija ma jibqax jiġi żviluppat f'*Zammit Clapp* iżda jmur *Mater Dei*.

»Illi l-istess teżi tal-attur hija wkoll korroborata mix-xiehda tas-Sinjura Helen D'Amato li dak iż-żmien kienet Segretarju Parlamentari għall Anzjani fil-Ministeru tas-Saħħa u kienet ukoll membru tal-imsemmi *Health Policy Board*; mill-*affidavit* ta' Dr Stephanie Xuereb li dak iż-żmien kienet *Principal Medical Officer* fid-*Dipartment of Insitutional Health*, *affidavit* ta' Edward D'Agostino datat 14 ta' Diċembru 2011 li kkonferma li kienet ittieħdet id-deċiżjoni li jiġi inkarigat fuq dan il-proġett l-attur anke għaliex kien ġà ġie inkarigat diversi drabi mid-Dipartiment tas-Saħħa kif fuq kollox jgħid l-attur stess fl-*affidavit* tiegħu; u wkoll mix-xiehda ta' Joseph Church li kien jokkupa l-kariga ta' Direttur Ġenerali (Riżorzi Sapport) li saħansitra kkonferma li l-kontijiet tal-attur fis-sena 1998 kienu ntbagħtu lill-*Foundation for Medical Studies* bħala l-*project manager* tal-proġett sabiex min-naħa tagħhom jagħmlu l-verifiki iżda l-istess xhud jgħid li sakemm baqa' f'dik il-kariga f'April 2009 ma' kien irċieva l-ebda rapport mill-*FMS*.

»Illi jirriżulta wkoll mix-xiehda ta' Dr Natasha Muscat Azzopardi, Tabiba Ewliena tal-Gvern li dwar il-kont hija kkonsultat *inter alia* mas-Segretarju Permanenti Dr Kenneth Grech, anke minħabba l-ammont tal-kont, u ġiet informata li kienu għadhom iridu jistabilixxu jekk kinux jaqblu mas-somma jew le; Mrs Jacqueline Camilleri, Direttur Ġenerali tal-Finanzi fl-istess ġurnata xehdet li hija ma ħallsitx għaliex ma kellhiex approvazzjoni sabiex tagħmel dan, u kellha ssir evalwazzjoni teknika, li jidher li sakemm xehdet l-istess xhud ma kellhiex informazzjoni fuq l-istess.

»Illi xehed ukoll Mr Brian St John Kap Esekuttiv tal-Fondazzjoni għas-Servizzi Pubbliċi li sostna li kien ilu fil-kariga minn Frar 2009 iżda dwar dan il-kont kellu xi laqgħat mal-attur, iżda ma jaf li sar xejn iżjed; jirriżulta li fil-mument li xehed kienu għadhom qed isiru xi verifiki li però ma jirriżultawx f'xiex waslu; fl-aħħarnett xehed Dr Kenneth Grech, Segretarju Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa b'effett minn Marzu 2009, fejn xehed li wara li ħa l-kariga u ġie preżentat bil-kont tal-attur talab għall-evalwazzjoni teknika sabiex ikun jista' jevalwa l-pretensjoni tal-attur, u tali process jaf li kien inbeda f'dak iż-żmien u kien għadu sakemm xehed għadu għaddej u allura qabel isir dan ma jistax ikun hemm l-approvazzjoni tal-Ministeru tal-Finanzi.

»Illi fid-dawl ta' dan l-istat ta' provi din il-qorti tħoss li l-pretensjonijiet kollha attriċi ġew ippruvati u ma hemm xejn fl-istess process li jimmilita kontra l-pretensjoni attriċi, la dwar l-inkarigu lilu mogħti, la li seħħ l-inkarigu, u lanqas dwar in-natura ta' xogħol esegwit mill-attur, u lanqas dwar l-ammont u tariffa applikata, u f'dan il-kuntest jingħad li l-eċċezzjonijiet tal-konvenut ma ġew bl-ebda mod sostnuti u lanqas jistgħu jwaqqfu jew jostakolaw it-talbiet attriċi kif impost, b'dan li din il-qorti tħoss li effettivament ma hemm min-naħa tal-konvenut l-ebda difiża ta' xejn. Fil-fatt ix-xiehda attriċi hija kkoroborata saħansitra mix-xiehda ta' adetti tal-konvenut. Għalhekk it-talbiet attriċi qed jiġu milqugħa.«

17. Id-Direttur Ġenerali tas-Saħħa appella b'rikors tas-6 ta' Novembru 2012 li għalih wieġbu l-atturi fis-26 ta' Novembru 2012.

18. Flimkien mar-rikors tal-appell il-konvenut appellant ippreżenta dokumenti li ma ġewx ippreżentati quddiem l-ewwel qorti għax qal li ma kinux għadhom lesti qabel ma l-ewwel qorti għaddiet għas-sentenza. Fisser hekk ir-raġuni għala jidhirlu illi dawn id-dokumenti għandhom jiddaħħlu fl-atti f'dan l-istadju:

> »... l-appellant qed jipprevalixxi ruħu mill-fakoltà illi jippreżenta dokumenti illi ma ġewx ippreżentati quddiem l-ewwel qorti, fl-istadju ta' l-appell, u dana *stante* illi sakemm l-ewwel qorti għaddiet għas-sentenza id-dokument anness u mmarkat "Dok BG1" kien għadu ma hux lest, u dana anke kif jirriżulta mix-xiehda mogħtija minn Dr Azzopardi Muscat u Dr Kenneth Grech, quddiem l-ewwel qorti. Irid jingħad illi dan id-dokument jagħmel analiżi ta' l-ammont pretiż mill-perit appellat u jqabbel il-kontijiet proġettati mill-istess perit mal-ammonti illi attwalment qed jiġu inkorsi għall-istess proġett illum. *Inoltre* dan id-dokument jagħti stampa ċara tad-diskrepanza enormi illi teżisti bejn l-ammont pretiż mill-perit appellat u akkolt mill-ewwel onorabbli qorti u l-ammonti effettivament inkorsi. Fl-opinjoni umli tal-appellant dan id-dokument huwa importanti *stante* illi jipprovdi stampa tal-valur reali tal-proġett u għalhekk għandu jiġi ammess f'dan l-istadju quddiem din l-onorabbli qorti skont il-liġi.«

19. L-atturi, min-naħa l-oħra, qegħdin jopponu għall-preżentata ta' dokumenti f'dan l-istadju għal raġunijiet li fissruhom hekk:

> »... huwa minnu illi l-liġi ta' proċedura tippermetti li parti tippreżenta dokumenti ġodda f'dan l-istadju iżda dan id-dritt huwa limitat, kunsidrat illi: (i) numru ta' dawn id-dokumenti kienu fil-pussess tal-intimat snin qabel ma bdiet il-kawża; (ii) l-*audit report*, li mhux ġuramentat, ser jisposta il-kontestazzjoni mressqa quddiem l-ewwel qorti, b'dan li neċessarjament ser ikollhom jinstemgħu provi ġodda quddiem din il-qorti, fosthom il-persuna li ppreparat dan l-*audit report* (persuna mhux iddikjarata fil-lista tax-xhieda), u xhieda oħra biex jikkontradiċu dan ir-rapport u juru li dan l-a*udit report* – apparti li hu xogħol ta' dilettant li qaleb figuri u ma ħax konjizzjoni ta' disgħin fil-mija tax-xogħlijiet in konnessjoni mad-disinn tad-Dipartiment tal-Oncoloġija – din il-qorti flok qorti reviżura ser tittrasforma ruħha f'qorti tal-ewwel grad.
>
> »… … …
>
> »L-esponenti jissottometti li bid-dokumenti eżibiti fl-istadju tal-appell, l-appellanti qed jintroduċi element u provi ġodda, li għalhekk m'għandhomx jiġu permessi.«

20. L-artikolu rilevanti li jirregola l-produzzjoni tad-dokumenti mar-rikors jew mat-tweġiba tal-appell huwa l-art. 145 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jgħid hekk:

> »145. Mar-rikors, mat-tweġiba u mar-replika, għandhom jinġiebu d-dokumenti li jkunu jsaħħu t-talbiet tal-wieħed jew l-eċċezzjonijiet tal-ieħor.«

21. Il-ġurisprudenza l-aktar riċenti hi fis-sens illi l-interpretazzjoni korretta ta' dan l-artikolu għandha tkun konformi mal-funzjoni ta' din il-qorti bħala qorti ta' reviżjoni, li terġa' tqis provi ġà miġjuba quddiem il-qorti tal-ewwel grad u mhux provi ġodda, u wkoll illi l-piż li jkun jista' jingħata lil dawn id-dokumenti minn din il-qorti jkun f'kull każ jiddependi fuq jekk kinux disponibbli u produċibbli quddiem il-qorti tal-ewwel grad[7].

22. Id-dokumenti li ippreżenta l-konvenut flimkien mar-rikors tal-appell huma: i. *audit report* imħejji minn ċertu Ray Pellicano li ma huwiex xhud dikjarat tal-konvenut; ii. dokumenti li diġà kienu ġew esibiti mill-konvenut quddiem l-ewwel qorti; u iii. dokumenti li ma kinux ġew esibiti mill-konvenut quddiem l-ewwel qorti.

23. Il-konvenut igħid illi l-*audit report* ma kienx għadu lest qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u li għalhekk dan ir-rapport ma setax jiġi ppreżentat quddiem l-ewwel qorti. Il-qorti tosserva qabel xejn illi r-rapport ma fih l-ebda data, u għalhekk ma tistax tgħid meta tlesta, jekk hux qabel jew wara li ntemm is-smigħ quddiem l-ewwel qorti. Barra minn hekk il-konvenut dejjem seta' ikkommissjonah qabel, fi żmien utli

---

7 Ara *e.g.* <u>*Olive Gardens Investments Ltd v.* Salvu Farrugia *et*</u>, App. 28 ta' April 2014; <u>*Gauci Holdings Ltd v. L-Għajn Construction Company Ltd*</u>, App 30 ta' Mejju 2014.

biex jitlesta u jista' jiġi preżentat quddiem l-ewwel qorti. Jekk tlesta wara li ngħalaq is-smigħ fl-ewwel grad, dan kien għax il-konvenut ma ħax ħsieb jikkomissjonah tempestivament. Ma jistax il-konvenut iressaq provi ġodda billi jagħżel iż-żmien meta joħloqhom. Il-qorti għalhekk ma hijiex sejra tqis l-*audit report* fil-konsiderazzjonijiet tagħha.

24. Id-dokumenti li ġà kienu tressqu quddiem l-ewwel qorti – dawk *a foll.* 17 sa 23 u 27, 30, 34 tal-atti tal-appell – huma sempliċement kopji żejda ta' dokumenti li ġà huma validament fl-atti u għalhekk jiswew bħala provi bla ma kien hemm il-ħtieġa li tinġieb kopja oħra tagħhom.

25. Id-dokumenti l-oħra – dawk *a foll* 24, 25, 26, 28, 29, 31, 32, 33 tal-atti tal-appell – huma kollha dokumenti li jġibu dati ta' qabel ma ngħatat is-sentenza appellata u anke saħansitra qabel ma bdew il-proċeduri quddiem l-ewwel qorti, u ebda raġuni ma ngħatat għaliex il-konvenut appellant naqas milli jippreżentahom quddiem l-ewwel qorti. Għal-daqstant din il-qorti ma hijiex sejra tqis dawn id-dokumenti.

26. Ngħaddu issa biex inqisu l-aggravji tal-konvenut. Fl-ewwel aggravju l-konvenut igħid illi l-ewwel qorti kienet żbaljata fid-deċiżjoni tagħha li tiċħad l-eċċezzjoni li s-soċjetà attriċi ma għandha l-ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri. Fisser dan l-ewwel aggravju hekk:

> »… … … l-ewwel onorabbli qorti caħdet *in toto* r-risposta ġuramentata tal-konvenut, u għalhekk ċaħdet l-eċċezzjoni illi in kwantu l-azzjoni kienet intavolata minn soċjetà kummerċjali din kienet infondata kemm fil-fatt u fid-dritt. L-esponenti jisħaq illi fl-opinjoni tiegħu l-ewwel qorti kienet żbaljata fid-deċiżjoni tagħha u dana *stante* illi l-ewwel nett l-offerta wara s-sejħa pubblika għal offerti tat-*tender* kienet saret mill-perit personalment u mhux mis-soċjetà attriċi u għalhekk il-vinkolu

kontrattwali kien mal-perit personalment. Minħabba dan il-fatt is-soċjetà kummerċjali attriċi ma għandha l-ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri. *Di più* għall-grazzja tal-argument u bla preġudizzju għall-aggravji sussegwenti tal-esponent, minn qari tat-Tariffa K tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili wieħed jasal biex jikkonkludi illi anke *vis-à-vis* din it-tariffa, li wara kollox hija pretiża mill-appellat innifsu, din *se mai* hija dovuta lil perit u mhux lil soċjetà kummerċjali. A bażi ta' dawn iż-żewġ fatturi l-ewwel onorabbli qorti kellha bir-rispett kollu takkolji din l-eċċezzjoni«

27. L-atturi wieġbu hekk:

»… … … l-esponenti jissottometti illi l-aggravji tal-appellant huma kontradittorii (mhux alternattivi) għal xulxin. Fir-rikors tal-appell, l-ewwel jingħad illi "… il-vinkolu kuntrattwali kien mal-perit personalment. Minħabba dan il-fatt, is-soċjetà kummerċjali ma għandha ebda *locus standi* f'dawn il-proċeduri". Sussegwentement … … … l-appellanti jsostni illi s-servizzi professjonali pprestati mill-appellat kienu estensjoni ta' *tender* 74/2003; iżda *ictu oculi*, wieħed jaqra illi dan it-*tender* kien ingħata lis-soċjetà kummerċjali u mhux lill-appellat personalment.

»Din il-kontradittorjetà fis-sens li daqqa jingħad mod u f'daqqa oħra jingħad l-oppost timpingi fuq il-massima li *selecta una via non datur recursus ad alteram*. … … …

28. Huwa minnu illi hemm inkonsistenza fil-pożizzjoni tal-konvenut li jgħid illi r-relazzjoni tiegħu hi mal-perit attur personalment u mhux mas-soċjetà attriċi li għalhekk ma għandhiex *locus standi* u mbagħad, f'aggravju ieħor dwar il-kalkolu tad-dritt professjonali, igħid illi r-rata applikabbli hija dik ta' erbgħa fil-mija (4%) kif indikat fil-ftehim wara t-*tender* meta dak il-ftehim – kontra dak li jgħid il-konvenut fl-ewwel aggravju – kien mas-soċjetà attriċi u mhux mal-perit attur personalment.

29. Din l-inkonsistenza iżda ħolquha l-atturi stess illi l-kawża għamluha f'isem is-soċjetà wkoll – billi din kienet il-persuna li rebħet is-sejħa għal offerti u li magħha sar il-ftehim – u mbagħad jitolbu ħlas mhux bir-rati miftiehma iżda bir-rati tat-Tariffa K mehmuża mal-Kodiċi ta'

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Jekk l-atturi kienu inkonsistenti fil-formulazzjoni tat-talba tagħhom ma jistgħux jilmentaw dwar “kontra-dittorjetà” fid-difiża tal-konvenut.

30. Fil-fatt huma l-atturi li għandhom jagħżlu: jew l-azzjoni hija (i) għal ħlas għax-xogħol miftiehem, li għalhekk tagħti *locus standi* lis-soċjetà attriċi, li kienet parti fil-ftehim, iżda forsi mhux lill-perit attur personal-ment; jew l-azzjoni hija (ii) għal ħlas mhux bir-rati miftiehma iżda taħt it-Tariffa K għal xogħol li ma jaqax taħt il-ftehim, u għalhekk tagħti *locus standi* lill-perit attur għalkemm mhux parti fil-ftehim (appuntu għax l-azzjoni mhix imsejsa fuq il-ftehim) għax ix-xogħol sar minnu, iżda mhux lis-soċjetà attriċi.

31. Jekk iżda x-xogħol li għalih qiegħed jintalab ħlas huwa xogħol li dwaru hemm ftehim – kwistjoni li nqisuha fil-konsiderazzjonijiet dwar l-aggravju ta’ wara dan – ma huwiex mogħti lill-atturi li jiskartaw ir-rati miftiehma biex jippretendu ħlas bir-rati ogħla taħt it-Tariffa K. Jekk it-talba hija għall-ħlas għax-xogħlijiet miftiehma, il-fatt illi l-ftehim sar mas-soċjetà attriċi jagħtiha *locus standi* u f’dak il-każ l-aggravju jiġi miċħud, iżda bil-konsegwenza illi r-rati tal-ħlas ikunu dawk miftiehma u mhux dawk taħt it-Tariffa K.

32. Ngħaddu issa għat-tieni aggravju tal-konvenut li jolqot il-*quantum* tal-ħlas li jistgħu jippretendu l-atturi, u ġie mfisser hekk:

> »Illi l-ewwel onorabbli qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi u fatti u aspetti tad-dritt. Irid jingħad illi għalkemm matul il-prosegwiment tal-kawża mill-provi prodotti mill-partijiet, inklużi l-*affidavits* ippreżentati minnhom, kien paċifiku illi x-xogħol kien effettivament sar mill-perit appellat, iżda l-ammont pretiż minnu ma kienx hemm qbil dwaru.

»… … ….

»Illi l-ewwel qorti kkonkludiet illi l-esponent appellant għandu jħallas lil appellat is-somma ta' €5,365.45 rappreżentanti spejjeż inkorsi mill-appellat. L-esponent umilment jissottometti illi din id-deċiżjoni hija żbaljata u dana *stante* illi kif jirriżulta ampjament mill-atti, u anke speċifikament mill-*affidavit* tal-perit appellat, huwa fatt aċċettat bejn il-partijiet illi x-xogħol illi wettaq il-perit u li għalih qed jippretendi ħlas kien ibbażat fuq estensjoni ta' *tender* ġà eżistenti bejn il-partijiet. Minn qari tad-dokument kollha ppreżentati minn imkien ma jirriżulta illi l-appellant kien obbliga ruħu illi jħallas għal spejjeż inkorsi mill-perit appellat salv għal ħlasijiet għax-xogħol in konnessjoni mal-proġettar tal-isptar għal onkoloġija. L-ispejjeż pretiżi għalhekk huma *ex contractu,* li ma kienx hemm qbil jew obbligazzjoni ta' ħlas u għalhekk ma humiex dovuti minn dan l-appellant. Bir-rispett qed jiġi sottomess illi l-obbligu da parti tal-appellant huwa li jħallas għax-xogħol illi sar u dan fil-parametri illi ġew stabbiliti u maqbula *a priori* mill-partijiet, *cioè* il-ħlas ta' 4% kif ser jiġi spjegat aktar 'l isfel. Dawn l-ispejjeż ma kienx hemm ftehim fuqhom u għalhekk dan l-appellant jinsisti illi ma humiex dovuti.

»Illi mill-assjem tad-dokumenti ppreżentati miż-żewġ partijiet kien aċċettat illi l-appellat effettivament intalab sabiex jgħin professjonalment fit-tfassil u ppjanar ta' ċentru għall-onkoloġija ġdid li kellu jieħu l-post l-Isptar Boffa. Dan ix-xogħol kien regolat minn ftehim ġà eżistenti u *cioè tender* datat 22 ta' Lulju 2003 bin-numru 74/2003 u li kien kopert bil-*letter of acceptance* datata 23 ta' Ottubru 2003. Mid-dokumenti eżebiti u mhux kontestati jirriżulta wkoll illi t-terminu tat-*tender* kien ġie estiż mill-appellant bl-istess kundizzjonijiet.

»Jirriżulta wkoll illi fis-27 ta' Settembru 2006, l-istess appellant informa lill-appellat illi t-*tender de quo* kien qed jiġi terminat, madankollu "*… projects which have not yet been finished are still to be under your responsibility until final completion of handing over to the Health Division*". Ġaladarba l-proġett *de quo* kien wieħed minn dawk mibdi allura jfisser illi dan kien kopert bit-termini tat-*tender* estiż.

»Illi minn imkien ma jirriżulta illi dan kollu ġie kontestat mill-appellat. L-esponent appellant jissottometti illi mid-dokumenti sureferiti jirriżulta wkoll illi l-persentaġġ ikkwotat mill-appellat rigward ħlas dovut lilu kien ta' 4%. Fl-opinjoni umli tal-esponent kien hawn fejn żbaljat l-ewwel onorabbli qorti meta akkoljiet it-talba għal ħlas pretiż mill-appellat skond it-Tariffa K ta' 7%. L-esponent qed jissottometti illi a bażi tal-prinċipju *res inter alios acta* [*sic*] il-persentaġġ miftiehem kien ta 4% u mhux ta' 7%. L-ammont dovut lill-appellat għalhekk kellu jkun a bażi tal-persentaġġ li wara kollox jirriżulta ikkwotat minnu stess fid-dokument esebit fl-atti. L-ewwel onorabbli qorti injorat dan kollu u straħet fuq l-allegazzjoni tal-appellat.

»Illi bid-dovut rispett, ġaladarba kien l-appellat stess illi talab ħlas ta' 4% in kwantu tariffa davuta lilu, ma setgħax imbgħad jippreżenta pretensjoni għal ħlas a bażi ta' 7%. A bażi tal-prinċipju *pacta sunt servanda* l-ammont illi effetivament kellu jiġi deċiż dovut lil appellat kellu jkun dak ibbażat fuq 4%. Fl-aħħarnett ta' min jinnota illi d-dokumenti illi juru b'mod ċar illi il-persentaġġ maqbul kien ta' 4% ma ġewx ippreżentati mill-perit appellat minkejja illi wiegħed illi jagħmel dan u minkejja l-volum ta' dokumenti illi ippreżenta bħala prova għax-

xogħol illi għamel! Din il-prova effettivament saret mill-esponent appellant.«

33. L-atturi wieġbu hekk għal dan l-aggravju:

»Jirrizulta illi l-provi tal-intimat appellant quddiem l-ewwel qorti kienu ristretti unikament dwar jekk kienx hemm relazzjoni ġuridika bejn l-esponenti u l-appellanti. L-esponent appellat hawn jirreferi għat-traskrizzjoni tas-seduta tas-6 ta' Diċembru 2011 fejn il-qorti talbet lid-difensur tal-appellanti tispeċifika ezattament il-kontestazzjoni tal-intimat x'kienet. Fuq domanda speċifika tal-qorti jekk l-intimat appellant kienx qed jikkontesta l-valuri *o meno* li kien wasal għalihom l-appellat meta ppreżenta l-istimi tiegħu lid-dipartiment (f'Ottubru 2005) qabel ġiet intavolata l-applikazzjoni mal-*MEPA*, id-difensur tal-intimat inizjalment irrimettiet ruħha iżda finalment tgħid "aħna mhux nikkontestaw ix-xogħol". Fl-istess seduta xehed Dr John Cachia, dak iż-żmien direttur ġenerali responsabbli mis-servizzi tas-saħħa, li kkonferma illi qabel ma ġiet intavolata l-applikazzjoni mal-*MEPA* huwa kien għadda l-istimi dettaljati tal-proġett lil dipartimenti oħrajn fejn dawn ġew eżaminati minn persuni kompetenti. Ma rriżulta minn ebda prova illi dawn il-figuri ppreżentati mill-esponent lid-Dipartiment tas-Saħħa ġew ikkontestati, u fil-fatt l-applikazzjoni ġiet intavolata mal-*MEPA* bil-firma tal-istess Dr John Cachia. Fl-istadju tal-appell, l-appellanti jidher li qed iikkontesta din l-istima mħejjija mill-appellat.

»Fuq l-istess binarju u *cioè* illi l-appellant qed jitlob lill-onorabbli Qorti tal-Appell tagħmel apprezzament differenti tal-fatti milli għamlet l-ewwel qorti jingħad illi l-aħħar eċċezzjoni tal-intimat appellat kienet illi l-ammont mitlub mill-attur mhux dovut. Din l-eċċezzjoni kienet tagħmel sens biss meta kkunsidrata fid-dawl tal-eċċezzjoni preċedenti mressqa mill-intimat appellant fis-sens li ma kinetx teżisti relazzjoni kontrattwali skond il-liġi bejn ir-rikorrent u d-direttur intimat u li *ergo* l-intimat ma jistax jkun il-leġittimu kontradittur għall-azzjoni. Fir-rikors tal-appell l-intimat appellant jagħżel li jagħmel *U-turn* u dana billi qed isostni li x-xoġhol effettivament sar mill-perit appellat iżda l-ammont pretiż minnu ma kienx hemm qbil dwaru. Madanakollu u b'kull rispett, din l-argumentazzjoni ma tinkwadrax ruħha fir-rigward tal-eċċezzjoni fuq imsemmija. Dik l-eċċezzjoni mressqa kienet tirrigwarda allegazzjoni li l-ammont mhux dovut, ossija l-ineżistenza assoluta tal-kreditu pretiż mill-perit appellat. L-eċċezzjoni ma setgħet qatt tiġi mġebbda li tfisser li l-ammont mitlub mill-perit appellat huwa eżaġerat u li għalhekk l-appellanti jistgħu f'dan l-istadju jitolbu riduzzjoni fl-ammont pretiż mill-perit appellat. B'dan l-ispostament, l-intimati appellanti qed jippruvaw joħolqu eċċezzjoni ġdida u difiża ġdida li … … … teżorbita l-kompetenza ta' din il qorti. L-esponenti għalhekk jissottomettu illi din l-onorabbli Qorti tal-Appell għandha tgħaddi biex tiskarta u ma tiħux konjizzjoni ta' kwalunkwe aggravju li fih hemm tentattiv li tiġi maskerata introduzzjoni ta' eċċezzjoni ġdida f'dan l-istadju.

»… … …

»… … … kuntrarjament għal dak sottomess immedjatament qabel, l-appellanti qed isostni illi fil-fatt kien hemm *tender* (nru 74/2003) u skond dan it-*tender*, jew preċiżament kif jiddeskrivih l-appellanti "estensjoni ta' *tender*", l-appellat ma kellux dritt li jitħallas ta' spejjeż

inkorsi minnu, għaliex skond l-appellanti t-talba għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż huma *ex contractu.* Apparti illi dan l-aggravju qiegħed jikkontradiċi diametrikament l-aggravju preċedenti, l-esponenti jissottometti illi dan il-punt qatt ma ġie sollevat jew ikkontestat mill-appellanti, la fl-istadju ta' korrispondenza u laqgħat qabel ma ġiet intavolata l-kawża, u lanqas quddiem l-ewwel qorti la fl-istadju tal-provi u anqas fl-istadju ta' sottomissjonijiet, u għalhekk qatt ma kien hemm il-ħtieġa li l-esponenti jagħti d-debita spjegazzjoni għal din il-partita.

»Fil-fatt, din il-partita tirreferi għall-ispejjeż inkorsi sabiex isiru numru ta' kopji tal-pjanti li kienu rikjesti mill-appellant. … … … Ġaladarba u dan anke b'ammissjoni tal-appellant stess il-vinkolu kuntrattawli kien mal-Perit Valerio Schembri personalment, ir-rikorrent appellat igħid li, a bażi tal-paragrafu 18 tat-Tariffa K jistipula illi "d-drittijiet murija f'din it-Tariffa għandhom, fil-każijiet kollha, ikunu minbarra il-prezz tad-dokumenti, spejjeż tat-traġitt u spejjeż l-oħra kollha", l-ewwel Qorti korettament laqgħet it-talba ta' l-esponent appellat.

»… … …

»Mela hawn għandna sitwazzjoni fejn l-appellant bħala intimat quddiem l-ewwel qorti fil-ħames eċċezzjoni tiegħu jgħid li ma kienx hemm rabta kuntrattwali u issa f'daqqa waħda jgħid li x-xogħol li ġie mitlub jagħmel l-esponent kien irregolat minn *Tender* 74/2003 jew l-estensjoni tagħha. Din hija rotta totalment diversa minn dik li kien għażel li jieħu l-intimat appellat quddiem l-ewwel qorti fejn mill-*affidavit* ta' Edward d'Agostino (xhud tal-istess intimat appellant) jirriżulta li dan bagħat għall-Perit Valerio Schembri u talbu għal stima ta' kemm kien ser jiswa l-inkarigu tiegħu. Minn hawn joħroġ ċar u manifest illi d-dipartiment ma riedx jagħmel użu mit-*Tender* 74/2003. Ir-raġuni għaliex intalbet din l-istima mingħand il-Perit Valerio Schembri toħroġ kemm mill-fatt li t-*Tender* 74/2003 kienet skadiet bħala żmien u anke peress li din kienet *departmental tender* għall-valur ta' massimu Lm20,000.00 liema ammont kien diġà nqabeż. Dan il-fattur tikkonfermah anke x-xhud tal-intimat appellant Mrs Jacqueline Camilleri fid-depożizzjoni tagħha tal-14 ta' Ġunju 2012 meta tgħid "It-*tender* kien *departmental tender* li allura kellu ċertu *threshold*, jekk miniex sejra żball xi *forty six thousand Euro* – xi għoxrin elf Maltin, li ovvjament hija ħafna ħafna 'l bogħod miċ-ċifra li qed nitkllmu bħala *claim* illum li hija *eight hundred fifty thousand Euro*".

»Anke fl-istess *affidavit* tiegħu r-rikorrent appellat il-Perit Valerio Schembri dwar il-laqgħa ma Edward d'Agostino u t-talba ta' dan tal-aħħar għal stima tas-servizzi tiegħu jgħid: "… Niftakar li kien talabni wkoll ngħidlu kemm kont qed nippretendi bħala drittijiet professjonali u jien kont irrispondejt li ma stajtx intih risposta dak il-ħin peress li ma kontx naf l-entità tax-xogħol. Kont għidtlu wkoll li fi kwalunkwe kas ix-xogħol tal-periti huwa rregolat minn Tariffa K u jekk *se mai* ikollna diffikultà konna nirreferu għaliha u bqajna hekk". L-intimat appellant jagħżel li la jagħmel kontro-eżami tal-Perit Valerio Schembri u lanqas jirribatti l-istess dikjarazzjoni li inkarigat jagħmel [*sic*] l-esponent appellat. Mhux talli hekk talli jikkonferma dak li jgħid l-esponent appellat bl-*affidavit* ta' Edward d'Agostino.

»Ġaladarba stabblit il-fatt li ntalbet stima (liema stima setgħet biss tkun ibbażata fuq Tariffa K kif ser jiġi spjegat aktar ''il quddiem) mingħand l-esponent appellat u l-*financial regulations* ma kinux jippermettu li

tinqabeż iċ-ċifra ta' €46,000.00, jirriżulta ċar u manifest li b'ebda forma ta' immaġinazzjoni s-servizz mertu tal-kawża ma setgħa qatt jiġi kopert bit-*Tender* 74/2003. Madanakollu bl-istess tattika dijametrikament opposta għall-eċċezzjoni tiegħu quddiem l-ewwel qorti li ma kienx hemm *tender* jew rabta kuntrattwali, f'dan l-appell l-intimat appellant jaqbad l-argument li dan a bażi tat-*tender* 74/2003 il-ħlas dovut lill-esponent appellat kellu jkun ta' 4% u mhux 7% tal-istima, ħaġa li qatt ma ħareġ biha quddiem l-ewwel qorti u ħaġa li hija wkoll kontradettorja għall-eċċezzjoni tiegħu li ħlas mhux dovut.

»In parentesi għandu jingħad li ġaladarba anke f'dan ir-rikors tal-appell, l-appellanti aċċettaw illi r-rabta ġuridika kienet bejn ir-rikorrent Perit Valerio Schembri u d-Direttur Ġenerali tas-Saħħa u effettivament ix-xogħol sar, ir-rata ta' ħlas dovuta lill-rikorrent *se mai* fiż-żmien meta ġie prestart is-servizz mertu tal-kawża ma kinitx materja li jrid ikun hemm qbil *o meno* fuqha. Il-ħlas tal-periti kien u għadu rregolat minn Tariffa K u xejn iżjed. Illi taħt din it-tariffa u r-regolamenti relattivi tal-etika peritali fiż-żmien li fihom ġew prestati s-servizzi mertu tal-kawża ma setax ikun hemm modifikazzjonijiet fir-rati li perit jitlob għas-servizzi tiegħu iżda Tariffa K kienet waħda tassattiva. Jingħad illi l-klawsola 20 tat-Tariffa K fi żmien meta ġie pprestat is-servizz mertu tal-kawża ma kinitx teżisti u ddaħħlet mill-leġislatur sussegwentement. Hawn l-esponent appellat jerġa' jagħmel referenza għal-*affidavit* tal-Perit Valerio Schembri minn fejn joħroġ li fil-laqgħa li kellhu mas-Sur Edward d'Agostino għall-ħabta ta' April 2006 (allura meta klawsola 20 tat-Tariffa K ma kinitx għadha *in vigore*) kienu baqgħu li bħala ħlas tas-sevizz peritali jimxu fuq Tariffa K, ħaġa [li ma] ġietx kontesta mill-intimat appellant anzi ikkonferamata bl-*affidavit* tal-istess D'Agostino.

»Isegwi għaldaqstant illi dan l-aggravju ma jista' qatt jiġi akkolt mill-onorabbli Qorti tal-Appell għaliex qatt ma seta' jkun hemm qbil bejn il-partijiet fuq riduzzjoni ta' drittijiet peritali; kellhom biss isewgu Tariffa K, kif fil-fatt talbu r-rikorrenti appellati permezz ta' din il-kawża. Dan jingħad ukoll bla preġudizzju għall-fatt illi fl-ebda waħda mill-eċċezz-jonijiet tiegħu l-intimat ma jgħid li d-dritt pretiż huwa eżaġerat; kull ma jgħid hu li dak mitlub mhux dovut mill-intimat.

» L-appellant isostni illi l-ittra ta' terminazzjoni tiegħu ma kienet ittra ta' terminazzjoni xejn, u kuntratt li jemana minn mit-*tender* 74/2003 kien għadu fis-seħħ u allura jikkonkludi illi l-persentaġġ applikabbli għall-appellat huwa ta' 4% u mhux 7% tan-nefqa. Bla preġudizzju għall-fatt li din il-linja ta' difiża qatt ma nġiebet mill-intimat appellant quddiem l-ewwel qorti, l-esponent appellat jissottometti illi huwa ppreżenta kont iddettaljat li juri l-ammont pretiż minnu u kif huwa maħdum. Fl-ebda parti ta' dan il-kont dettaljat tal-appellat ma hemm pretensjoni ta' persentaġġ ta' 7% u għalhekk wieħed ma jistax jifhem mnejn ġiet ivvintata din il-figura ta' 7%.

»L-appellat qiegħed jibbaża l-kont tiegħu fuq it-Tariffa K, u fl-istess kont jindika l-paragrafi rilevanti li fuqhom ikun qed jibbaża l-pretensjoni tiegħu. L-aktar paragrafi tat-Tariffa K li huma rilevanti għall-każ huma l-paragrafi 10 u 11 ta' din it-tariffa: para. 10 jispeċifika illi perit jitħallas 6% tal-ispiża; l-istess paragrafu jżid illi: "Fil-każ ta' alterazzjonijiet f'bini eżistenti il-persentaġġ li għandu jitħallas għandu jiżdied b'ħamsin fil-mija (50%) fuq ir-rata għal-xogħlijiet ġodda". Para. 11(1)(*b*) (li jirregola xi ħlas ikun dovut f'każ illi l-perit jiġi abbandunat mill-klijent jew *vice versa*) jistabbilixxi illi "wara li l-perit ikun ħa l-istruzzjonijiet tal-klijent,

ipprepara l-iskizz tad-diżinji, għamel stima approssimattiva tal-ispiża, issottometta applikazzjonijiet għal liċenzi għal bini u/jew liċenzi oħra, u pprepara disinji u speċifikazzjonijiet tax-xogħol id-dritt għandu jammonta għal żewġ terzi (⅔) tad-dritt speċifikat fil-paragrafu 10". Żewġ terzi ta' 6% jagħtu riżultat ta' 4%. Hemm pretensjonijiet għal servizzi oħra – fosthom għat-tħejjija tal-istimi dettaljati u l-*bills of quantities* (2.5% a bażi ta' para. 5 tat-Tariffa K), u kalkolazzjonijiet strutturali (2% tal-istima a bażi ta' para 14 tat-Tariffa K) iżda mhux il-każ illi jiġi ripetut dokument pjuttost twil u dettaljat – li ġie mibgħut lill-appellant fl-2008 – u li jinsab eżibit fl-atti tal-kawża.

»Jiġi sottomess biss illi quddiem l-ewwel qorti, ma kien hemm l-ebda eċċezzjoni li l-ammont mitlub huwa eżaġerat, ma tressqet ebda prova mill-intimat appellant biex tikkontesta l-kont tal-appellat, ma sar ebda kontroeżami tal-appellat fejn ġie mitlub almenu jagħti xi spjegazzjoni tal-kont jew ta' xi *item* partikolari tal-istess kont, ma ġie indikat fl-ebda ħin u bl-ebda mod liema parti tal-kont tal-appellant qed jiġi kkontestat anke wara li l-ewwel qorti tablet lill-appellant intimat jindika x'inhi l-linja ta' difiża tiegħu.

»Il-kontestazzjoni ta' dan il-kont qed issir l-ewwel darba quddiem din l-onorabbli Qorti ta' l-Appell, … … …«

34. Għar-raġuni ġà mogħtija fit-trattazzjoni tal-ewwel aggravju[8], l-argument tal-atturi dwar inkonsistenza fid-difiża tal-konvenut għandu jiġi skartat, billi l-inkonsistenza ħolquha huma meta l-azzjoni saret kemm mill-perit attur personalment (li jimplika li l-ftehim milħuq fuq it-*tender* ma japplikax) u kemm mis-soċjetà attriċi (li jimplika li dak il-ftehim japplika).

35. Lanqas ma għandhom raġun l-atturi jgħidu illi "fl-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tiegħu l-intimat ma jgħid li d-dritt pretiż huwa eżaġerat; kull ma jgħid hu li dak mitlub mhux dovut mill-intimat". Eċċezzjoni li "dak mitlub ma huwiex dovut" tista' tfisser kemm li d-dejn ma jeżistix (għax id-debitur jew il-kreditur huwa ħaddieħor jew għax id-dejn tħallas) jew għax huwa dovut ammont anqas minn dak mitlub. Fil-każ tallum fil-fatt l-eċċezzjoni tfisser kemm illi l-ammont mitlub huwa wisq – għax kellu jinħadem fuq ir-rati miftiehma u mhux fuq it-Tariffa K – u

8 Para. 29 *et seqq., supra.*

kemm għax id-dejn ma jeżistix: ma jeżistix għall-perit attur personalment jekk it-talba hija msejsa fuq il-ftehim milħuq bejn is-soċjetà attriċi u l-konvenut, u ma jeżistix għas-soċjetà attriċi jekk it-talba hija msejsa fuq it-Tariffa K. Jerġa' jingħad illi r-raġuni għal din l-ambigwità jaħtu għaliha l-atturi li sejsu l-azzjoni fuq it-Tariffa K iżda daħħlu wkoll bħala attriċi lis-soċjetà, u għalhekk ma jistgħux jilmentaw illi d-difiża tal-konvenut hija inkonsitenti magħha nfisha.

36. Fil-fehma tal-qorti dan l-aggravju għandu jintlaqa', mhux biss fid-dawl tal-fatt li biex ikollha *locus standi* s-soċjetà attriċi l-azzjoni trid titqies imsejsa fuq il-ftehim li fih kienet parti, u – kif ingħad fuq[9] – ladarba hemm ftehim l-atturi ma jistgħux jiskartaw il-ftehim biex jitolbu ħlas b'rati ogħla, iżda wkoll għax, bħala fatt, ix-xogħol li sar u li għalih l-atturi qegħdin jitolbu ħlas kien xogħol li jaqa' taħt il-ftehim, għal dawn ir-raġunijiet:

i. ix-xogħol li l-atturi qegħdin jitolbu l-ħlas tiegħu m'huwiex eskluż mill-lista tax-xogħlijiet li s-soċjetà attriċi ntrabtet li twettaq fl-istess *tender*:

    a. id-dokument *Specifications for the Services of an Architect and Civil Engineer at the Health Division*[10] ma jsemmix ix-xogħlijiet kollha li d-Dipartiment tas-Saħħa seta' jitlob lis-soċjetà attriċi biex twettaq, għax l-istess dokument igħid li "*the duties of the Architect and Civil*

[9] Para. 31, *supra.*

[10] *Fol.* 120 tal-atti tal-ewwel qorti.

*Engineer will include, but is* [*recte*, *are*] *not limited to … … …*";

b. l-istess dokument igħid illi d-Diviżjoni tas-Saħħa kellha bżonn is-servizzi professjonali ta' perit "… *to manage the various projects within the Health Division*": it-*tender* ma kienx limitat għal proġett wieħed biss;

ċ. ix-xogħlijiet li l-atturi qegħdin jippretendu l-ħlas għalihom huma parti mix-xogħlijiet speċifiċi li s-soċjetà attriċi ntrabtet li twettaq fl-imsemmi *tender*. Dawn ix-xogħlijiet jinkludu "*preparing detailed briefs including architectural and engineering drawings, specifications and bills of quantities for the issue of tenders, … adjudication of tenders/quotations received, … carrying out site super-vision and measurement of works as required, … submitting applications to the Malta Environment and Planning Authority for building and other permits*" u "*liaise with other officials of the Health Division to ensure coordination in the implementation of these projects*".

ii. ma sar l-ebda ftehim ġdid bejn il-konvenut u l-atturi dwar ħlas għax-xogħlijiet. L-atturi jgħidu illi Edward d'Agostino, funzjonarju tad-Dipartiment tas-Saħħa, "bagħat għall-Perit Valerio Schembri u talbu għal stima ta' kemm kien ser jiswa l-inkarigu tiegħu". Iżda dan ma jfissirx li l-perit intalab jagħmel offerta b'rati ġodda; ifisser illi, ladarba l-perit kien sejjer jitħallas b'rata ġà miftiehma ta' erbgħa fil-mija (4%) tal-valur tax-xogħlijiet, kienet meħtieġa stima

ta' kemm sejrin jiswew dawn ix-xogħlijiet. Fi kliem ieħor, biex tkun taf kemm sejjer jitħallas il-perit mhux biżżejjed tkun taf li sejjer jitħallas bl-4% iżda trid tkun taf ukoll 4% ta' xiex.

37. Għaldaqstant, peress illi s-soċjetà attriċi kellha ftehim mal-konvenut sabiex twettaq xogħlijiet fosthom dawk mertu tal-każ tallum u x-xogħol addizzjonali li ntalbet tagħmel is-soċjetà attriċi kien xogħol li jaqa' taħt l-istess ftehim, din il-qorti hija tal-fehma illi x-xogħol li għalih qiegħed jintalab ħlas għandu jiġi klassifikat bħala xogħol addizzjonali fl-istess appalt u regolat bl-istess kondizzjonijiet.

38. Dan huwa konformi ma' dak li jipprovdu l-*General Conditions of Contract for the Execution of Works in Malta* li kienu inkorporati fil-ftehim bejn il-partijiet:

> »6. The Government shall determine the amount (if any) which should be added to or deducted from the sum named in the Tender in respect of any extra or additional work done or omitted by its order. All such work shall be valued at the rates set out in the contract if the same rates shall be applicable.«[11]

39. Fil-każ tallum il-proġett li fuqu ħadmet is-soċjetà attriċi qatt ma mmaterjalizza u għalhekk m'hemm l-ebda xogħolijiet ċertifikati. Għal-daqstant, ir-rata aplikabbli għandha tkun dik miftiehma ta' erbgħa fil-mija (4%) imnaqqsa għal żewġ terzi (⅔) kif igħid il-para. 11.1(*b*) tat-Tariffa K, li jiġi tnejn punt deċimali sitta sebgħa fil-mija (2.67%) tal-valur tax-xogħlijiet kif stmati mill-atturi (li ma jidhirx illi ġie kontestat).

40. Ix-xogħlijiet kif stmati mill-atturi huma dawn:

Tħejjija ta' *Detailed Bill of Quantities*:

---

11 *Ibid. fol.* 122.

| | | |
|---|---|---|
| *Refurbishment* ta' *Zammit Clapp*: | € | 896,441.00 |
| Dipartiment tal-Onkoloġija: | € | 2,442,450.00 |

Applikazzjoni għall-permess tal-ippjanar:

| | | |
|---|---|---|
| *Refurbishment* ta' *Zammit Clapp*: | € | 896,441.00 |
| Dipartiment tal-Onkoloġija: | € | 2,442,450.00 |

*Structural calculations*

| | | |
|---|---|---|
| *Refurbishment* ta' *Zammit Clapp*: | € | 795,189.75 |
| Dipartiment tal-Onkoloġija: | € | 1,701,750.00 |
| Dipartiment tal-Onkoloġija: | € | 1,279,050.00 |

41. Il-qorti tosserva illi t-tħejjija ta' *bills of quantities* u *structural calculations* u applikazzjonijiet għall-permessi huma fażijiet differenti fl-istess proġett u parti għalhekk mix-xogħol li għalih l-atturi jitħallsu bir-rata ta' 2.67% u mhux proġetti separati li jimmeritaw ħlas ieħor. Il-qorti għalhekk sejra taħdem fuq l-ogħla valuri, li huma ta' tmien mija u sitta u disgħin elf, erba' mija u wieħed u erbgħin euro (€ 896,441) għar-*refurbishment* ta' *Zammit Clapp* u żewġ miljuni, disa' mija u tmenin elf u tmien mitt euro (€ 1,701,750 + € 1,279,050 = € 2,980,800) għad-Dipartiment ta' Onkoloġija, b'kollox tliet miljuni, tmien mija u sebgħa u sebgħin elf, mitejn u wieħed u erbgħin euro (€ 3,877,241). Id-dritt professjonali bir-rata ta' 2.67% għalhekk jiġi mija u tliet elef, ħames mija u tnejn u għoxrin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€ 103,522.33).

42. L-atturi qegħdin ukoll jippretendu li l-konvenut iħallashom għall-ispejjeż sabiex saru numru ta' kopji tal-pjanti. Dawn l-ispejjeż telgħu għal ħamest elef, tliet mija u ħamsa u sittin euro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (€ 5,365.45). Jekk tassew saru dawn l-ispejjeż għandhom jitħallsu mill-konvenut u mhux jitnaqqsu mid-drittijiet tal-atturi. Dejjem iżda hemm l-oneru fuq l-atturi li jagħmlu l-prova li tassew saru dawn l-ispejjeż billi jippreżentaw ir-riċevuti relativi. Din il-prova iżda ma saritx

u għalhekk it-talba ma tistax tintlaqa'. Madankollu, billi huwa inevitabbli li spejjeż saru fuq proġett ta' dan id-daqs, il-qorti *arbitrio boni viri* tillikwida s-somma ta' elfejn euro (€2,000) bħala spejjeż.

43. Id-drittijiet u l-ispejjeż li l-konvenut għandu jħallas lill-atturi għalhekk jiġu mija u ħamest elef, ħames mija u tnejn u għoxrin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€ 103,522.33 + € 2,000 = € 105,522.33).

44. Ngħaddu issa għat-tielet u l-aħħar aggravju tal-konvenut li ġie minnu mfisser hekk:

> »... … … mill-*affidavit* tal-perit appellat jirriżulta illi huwa kien konsapevoli tal-fatt illi ix-xogħol illi għalih qed jippretendi l-ammont indikat fil-kawża ma kienx ix-xogħol illi effettivament kienet inħarġet it-*tender* oriġinali. Huwa fatt stabbilit mill-provi u mhux kontestat mill-partijiet illi l-appellat huwa midħla tal-proċeduri ta' kif jingħataw it-*tenders*. *Di più* huwa wkoll paċifiku illi il-*Public Procurement Regulations* huma liġi u għalhekk l-appellat kien mistenni illi jkun jaf kif kellhom jkunu il-proċeduri sabiex ix-xogħol illi kien qed jiġi pretiż mill-appellant ikun qed isir b'mod kif rikjest fir-regolamenti. Huwa prinċipju aċċettat illi *"ignorance of the law is not an excuse".* Huwa minnu illi l-appellant kellu l-obbligu illi jadopera proċedura korretta iżda l-istess obbligu kien jinkombi fuq l-appellat. Bir-rispett kollu l-appellat użufruwixxa mill-fatt illi x-xogħol rikjest kien imgħaġġel, u dan għamlu unikament sabiex jiggwadanja hu.«

45. Dan l-aggravju jista' jkollu relevanza safejn l-attur huwa l-perit personalment, li ma kienx parti fil-kuntratt mogħti lis-soċjetà attriċi wara s-sejħa għal offerti. Kif rajna[12], iżda, ix-xogħol li għalih qiegħed jintalab ħlas huwa xogħol li jaqa' taħt il-kuntratt mas-soċjetà attriċi, u dak il-kuntratt sar regolarment.

46. Dan l-aggravju għalhekk, għallinqas safejn jolqot lis-soċjetà attriċi, huwa miċħud.

---

12 Para. 36, *supra*.

47. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tirriforma s-sentenza appellata: tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni illi s-soċjetà attriċi ma għandhiex *locus standi*[13] u illi l-kuntratt bejn il-konvenut u s-soċjetà attriċi ma sarx regolarment, u tħassarha fejn ikkundannat lill-konvenut iħallas lill-atturi tmien mija u disat elef, erba' mija u ħamsa u tmenin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€ 809,485.33), u, minflok, tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-atturi mija u ħamest elef, ħames mija u tnejn u għoxrin euro u tlieta u tletin ċenteżmu (€ 105,522.33), flimkien mal-imgħaxijiet relativi minn dakinhar li saret talba għall-ħlas b'att ġudizzjarju.

48. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell jinqasmu hekk: parti minn sitta ($^{1}/_{6}$) jħallasha l-konvenut u ħames partijiet minn sitta ($^{5}/_{6}$) jħallsuhom l-atturi flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb

13 Għalkemm jista' jingħad illi huwa l-perit attur personalment li ma għandux *locus standi*, ma tressqet ebda eċċezzjoni f'dan is-sens.